MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 403/2004

Kawza fil-lista: 19

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li permezz taghha ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Premess illi l-partijiet mhumiex mizzewgin izda kellhom relazzjoni li damet hdax-il sena, mill-liema relazzjoni twieldu l-minuri C D fil-15 ta' Frar 1998, Latoya D fid-9 ta' Awissu 2001 u Mikea fl-4 ta' Mejju 2004 certifikati ta' twelid;

Premess illi l-konvenut ma jmantnix lil minuri hawn imsemmija u dan mhux ghax m'ghandux mezzi anzi is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu hija wahda tajba stante li hu negozjant;

Premess illi jirrikorru cirkustanzi tali li jehtiegu li l-access tal-minuri hawn imsemmija jsir taht supervizjoni u dan unikament fl-interess ta' l-istess minuri;

Premess illi l-partijiet gew debitament awtorizzati mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja u dan ai termini ta' digriet numru 1187/04 sabiex jipprocedu bil-ligi wara li saru seduti ta' Medjazzjoni fejn il-partijiet ma lahqu l-ebda ftehim ;

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti :-

Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C D, Latoya D u Mikea D esklussivament f'idejn l-attrici;

Tordna lill-konvenut ihallas ghal fuq imsemmija minuri ir-retta alimentarja xierqa u adegwata.

Tiffissa access li ghandu jkollu l-konvenut versu l-minuri u dan taht supervizzjoni

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kovenut li permezz taghha eccepixxa:-

Illi huwa jaqbel illi l-kura u l-kustodja ta' tlett ulied, Jeffrin D, Latoya D u Mikea D tigi fdata f'idejn l-attrici, kernm-il darba dan ikollu access liberu ghall-istess ulied.

Illi huwa jaqbel ukoll li ghandu jhallas r-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-uliedu kif qed titlob l-attrrici izda dn ghandu jkun biss skond ic-cirkostanzi u dhul tal-konvenut, u fl-istess waqt l-attrici ghandha hija ukoll il-mezzi u l-kapacita' li tmanti lill-ulied.

Illi huwa ma jaqbilx li l-access ghandu jkun taht supervizjoni u dan ghaliex il-konvenut huwa kapaci jiehu hsieb lill-uliedu u l-partijiet qatt ma kellhom problemi bil-kura u kustodja tat-tfal meta dawn kienu ilhom jikkoabitaw flimkien ghal madwar ghaxar snin.

Illi l-konvenut ghandu jkollu hin adegwat ta' access liberu ghall-uliedu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Keith Borg ipprezentat fil-15 ta' Marzu 2013[1].

Rat in-nota ta' kritika tal-attrici[2] li permezz taghha inter alia informat lill-Qorti illi wara li gie pprezentat ir-rapport peritali, wiehed mit-tlett itfal minuri, C D, li llum ghandu circa sittax-il sena, qed jirrisjedi ma' missieru, filwaqt li z-zewg minuri l-ohra qed jirrisjedu ma' ommhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut[3] u n-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta' Ottubru 2014.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol. 872
[2] Fol. 898
[3] Fol. 902

**L-Azzjoni**.

Il-partijiet, genituri ta' tlett ulied minuri, ma humiex mizzewgin. Mill-atti jirrizulta li ghalkemm fil-bidu tal-kawza l-attrici kienet tinsisti li l-access favor il-missier ghandu jkun supervizzjonat, illum il-gurnata l-attrici ma tesprimi l-ebda diffikulta' f'dan ir-rigward nonostante li l-missier ilu jezercita access mhux supervizzjonat ghal zmien konsiderevoli.

Ghalkemm fil-bidu tal-kawza it-tlett ulied minuri kienu jirrisjedu ma' ommhom l-attrici u dwar dan kien hemm qbil mill-bidunett bejn il-partijiet, jirrizulta li f'dawn l-ahhar xhur iben il-partijiet, C D, beda jirrisjedi ma' missieru l-konvenut. Mill-iskambju tan-noti ta' osservazzjonijiet / ta' kritika jirrizulta illi hemm qbil bejn il-partijiet anke dwar dan l-izvilupp fir-residenza ta' C.

Jista' jinghad illi l-unika pendenza li baqa' bejn il-partijiet hi dwar il-quantum ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fir-rigward taz-zewg minuri l-ohra u cioe' fir-rigward ta' Latoya u Michea.

**Ir-Rapport Peritali**.

Fir-rapport tieghu l-abbli Perit Legali Dottor Keith Borg jaghmel riassunt tal-provi rilevanti ghall-pendenza ta' bejn il-partijiet, iressaq diversi kunsiderazzjonijiet konsistenti sew f'apprezzament ta' provi kif ukoll referenzi ghal gurisprudenza rilevanti u finalment iressaq il-konkluzzjonijiet tieghu ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti:-

**"<u>Verzjoni Attrici</u>.**

14. Permezz ta' nota datata 28 ta' Lulju 2005 (fol. 58 et seq.), l-attrici pprezentat l-affidavit taghha fejn in succint hija spjegat kif minn relazzjoni mal-konvenut 'lli damet madwar 11-il sena, huma kellhom 3 itfal, Jeffrin Junior, Latoya u Mikea. L-attrici tiddeskrivi din ir-relazzjoni bhala wahda fejn l-infedelta' tal-konvenut kienet bikrija, komuni u kostanti; hija tghid 'lli l-konvenut jixrob, jilghab loghob tal-azzard, jabbuza minn sustanzi lleciti, jaghmel qliegh mill-prostituzzjoni, u anke jislef il-fluz b'uzura. Hija tiddeskrivi lill-konvenut bhala persuna vjolenti mhux biss fil-konfront ta' terzi izda wkoll fil-konfront taghha. Tiddeskrivi lill-konvenut inoltre bhala persuna: "[...] mghandux pacenzja u nervuz hafna [...]", "Jidghi hafna, jitlghulu malajr, impikuz u egoist [...]", "[...] pussessiv u dominanti [...]", "[...] mhux responsabbli [...]". L-attrici ssostni dan billi ssemmi episodji mir-relazzjoni taghha mal-konvenut u ohrajn wara 'lli din intemmet. Hija tehmez

mal-affidavit taghha certifikat mediku datat 1 ta' Frar 2005 dwar griehi 'lli tghid li sofriet minghand il-konvenut.

Dwar it-talbiet taghha, l-attrici tghid 'lli s-somma ffissata mill-Qorti, u cioe' dik ta' EUR232.94 hija "[...] ftit wisq jekk tikkonsidra il-bzonnijiet tat-tlett itfal u l-flus li ghandu hu." Hi tkompli 'lli l-konvenut ghandu qliegh minn xi kaxxi tal-loghob, mill-organizzazzjoni ta' parties u minn zewg negozji: "[...] l-pitch tal-Belt." u "[...] hanut tax-xorb 'The Guys' [...]" L-attrici telenka wkoll id-diversi assi 'lli hija tghid huma ta' appartenenza tal-konvenut.

Hija zzid 'lli tinsisti 'lli l-access ikun taht supervizjoni minhabba l-fatt li t-tfal ibatu bl-asthma u li l-kundizzjoni taghhom hija wahda "[...] kiefra [...]" u ukoll minhabba l-karattru irresponsabbli u n-nuqqas ta' kapacita' tal-konvenut 'lli jiehu hsieb lil uliedu.

15. L-attrici xehdet ukoll, minn jeddha, fis-seduta peritali numru 9 (17 ta' Frar 2011). Hija kkonfermat illi ghandha l-kura u kustodja tat-tlett itfal taghha u tal-konvenut. Hija spjegat kif tinkorri "[...] l-ispejjez tal-ikel, tal-iskola u uniformijiet, trasport tat-tfal Latoya u Mikea, donation tal-iskola ta' €500 fis-sena ghat-tlett itfal, outings u spejjez ohra." In sostenn ta' dan l-attrici ezibiet "[...] set ta' 24 ircevuta dwar spejjez ta' ikel u hwejjeg ta' xahar; Dok. 'AFX'. Jien niehu hsieb l-ispejjez medici tat-tfal u in sostenn ta' dan qieghda nipprezenta Dok. 'AFX2' 'lli huma zewg ricetti tat-tabib. L-ispiza ta' vista tat-tabib hija ta' €5 u maghha tizdied l-izpiza tal-medicini." L-attrici tkompli 'lli l-minorenni Latoya u Mikea jattendu gewwa l-iskola ta' St. Joseph School; hija thallas EUR262 ghaz-zewgt itfal, kull tlett xhur bhala trasport skolastiku (Dok. 'AFX3'). Hija tispjega wkoll 'lli hija tghix flimkien mat-tlett itfal taghha u tal-konvenut gewwa 12, Triq il-Lancja, Valletta; is-servizzi ta' dawl u ilma gewwa dan il-fond thallashom l-attrici (Dok. 'AFX4'). L-attrici spjegat kif apparti dawn l-ispejjez "[...] ricentement it-tifel C Jr. kellu l-hsara fil-laptop u nfaqt €68.95 biex sewwejtulu (Dok. 'AFX5'). Lit-tifla Mikea xtrajtilha laptop u qieghda nhallasulha fix-xahar (Dok. 'AFX6'); inhallas xi €32 fix-xahar bhala pagament. Minn Dok. 'AFX6' jidher 'lli l-hlas isir minn certu Jeffrey B; dan huwa hija. Hija jaghmel dan il-pagament fix-xahar u jien inhallas lilu peress 'lli jien flus il-bank ma ghandix."

In kontro-ezami, fl-istess seduta l-attrici tispjega kif fl-indirizz li hija semmiet, jghixu hi u t-tlett itfal; l-attrici tispjega 'l ghaliex minn Dok. 'AFX4' jirrizulta 'lli fil-post jirrisjedu 2 min-nies biss, billi tghid illi ghall-finijiet ta' Enemalta u Water Services Corporation, prezumibbilment ghall-finijiet ta' sussidju, "[...] it-tfal [...]" huma registrati li jghixu ma omm il-konvenut.

L-attrici taqbel 'lli l-konvenut kemm-il darba kkontribwixxa ghall-ispejjez tal-iskola pero', skont hi, manteniment ma kienx jaghtiha. L-attrici taqbel ukoll illi minn Ottubru 2010 "[...] il-konvenut hallas il-manteniment ta' LM200 fix-xahar puntwalment."

<u>VERZJONI KONVENUT</u>

16. Permezz ta' nota datata 6 ta' Ottubru 2005 (fol. 69 et seq.), il-konvenut pprezenta l-affidavit tieghu fejn in succint huwa spjega kif dejjem haseb ghall-manteniment u s-sahha tat-tlett itfal tieghu u tal-attrici skont il-mezzi a dispozizzjoni tieghu. Il-konvenut jispjega wkoll kif in-negozju ta' taxi service 'lli kien ittanta ma huh Joe sfaxxja u kif flimkien

ittantaw negozju gdid f'generu differenti permezz tal-"[...] Bar/hanut tal-kafe lokali [...]" 'The Guys' gewwa l-Belt Valletta. Huwa jispjega 'lli d-dhul minn dan in-negozju huwa baxx hafna u jipprova jizmentixxi l-attrici dwar il-konsistenza tal-assi tieghu; huwa jsostni 'lli "[...] jista' jinghad b'mod konfortabbli li l-allegazzjoni ta' B fuq dan huwa gidba assoluta, u gimmick biex tkompli tigbed lejha manteniment iktar milli nista nhallas." Il-konvenut jispjega kif huwa kien kostrett jirrikorri ghal "[...] business loan/overdraft [...]" fis-somma ta' LM8,000 (EUR18,634.99) biex ikun jista' jkompli jahdem, prezumibbilment fin-negozju surriferit. Il-konvenut jispjega kif l-uniku introjtu tieghu huwa mill-hanut surriferit li minnu l-qliegh huwa ta' madwar LM5,000 (EUR11,646.87) fis-sena.

Jghid ukoll illi l-uniku investiment tieghu hija proprjeta' immobbli gewwa l-Hamrun, li huwa juza' bhala r-residenza tieghu, u li fuqha hemm bilanc ta' self x'jithallas ta' madwar LM28,000 (EUR65,222.46).

Filwaqt li l-konvenut jammetti li ghal xi zmien kien affett mill-vizzju tal-loghob "[...] fil-livell li stajt nikkontrolla [...]", huwa jsostni 'lli huwa hareg minn dan dan il-vizzju. Jichad illi qatt kellu l-vizzju tad-droga jew li ezercita xi tip ta' vjolenza fuq l-attrici jew fuq uliedhom. In difeza tieghu innifsu il-konvenut isemmi xi testijiet medici dwar sustanzi lleciti 'lli huwa ghamel u n-nuqqas ta' rapporti kontra tieghu da parti tal-attrici. Huwa jsemmi wkoll zewg episodji fejn kien kostrett jiddefendi ruhu kontra l-provokazzjoni tal-attrici.

Dwar it-talbiet tal-attrici, il-konvenut jesprimi x-xewqa 'lli jkollu access liberu ghal uliedu fil-hinijiet stabbiliti mill-Qorti. Il-konvenut isemmi episodju fejn l-attrici talbitu hlas ta' LM100 (EUR232.94) sabiex hu jkun jista' jiehu lit-tfal gurnata l-bahar.

17. Il-konvenut gie prodott mill-attrici, in kontro-ezami, fis-seduta peritali numru 3 (7 ta' Mejju 2010) fejn huwa kkonferma 'lli jiggestixxi l-hanut tax-xorb bl-isem 'The Guys Bar' gewwa l-Belt Valletta. Ikkonferma 'lli huwa konsapevoli bid-digriet tal-Qorti, 'lli permezz tieghu huwa obbligat jissoministra manteniment fis-somma ta' LM200 (EUR465.88) fix-xahar ghat-tlett uliedu; spjega izda 'lli "Dan l-ammont jien ma nhallsux pero' lit-tfal nixtrilhom kull ma jkollhom bzonn." Il-konvenut jikkonferma wkoll 'lli huwa jghix fl-indirizz 77, Flat 1, Triq Santa Lucia Valletta, 'lli l-immobbli 'Lucky House', Triq il-Kwartata tal-Ibragg hija proprjeta' tieghu, u jghid ukoll illi ma huwiex il-proprjetarju tal-fond 8, St. Michael's Street, Valletta. Mistoqsi fuq il-konsistenza tal-assi tieghu, il-konvenut ghazel li ma jwiegeb ebda domanda ohra.

18. Il-konvenut gie wkoll prodott mill-attrici, in subizzjoni, fis-seduta peritali numru 8 (24 ta' Jannar 2011) fejn huwa kkonferma 'lli: "Mistoqsi b'liema bank nahdem nghid 'lli bhalissa jien ma tantx nahdem bil-banek. Jien ghandi xi ftit depoziti gewwa l-BOV, l-HSBC u l-Banif pero' kemm ikopru l-pagamenti tal-loans."

19. Il-konvenut xehed ukoll, minn jeddu, fis-seduta peritali numru 12 (13 ta' Mejju 2011) fejn ikkonferma 'lli "Il-fond 77, Flat 1, Triq Santa Lucia, Valletta huwa post tal-Gvern mikri ghand hija; meta jiena nkun il-Belt gieli norqod hemm. Jien nghix fl-indirizz 5/7, Lucky House, Triq il-Kwartata, Ibragg; din hija proprjeta` tieghi. Dwar il-fond 8, St. Michael's Street, Valletta, nghid illi dan kien mikri ghandi xi sitt snin ilu, pero` jien irritornajt ic-cwievet xi sena u nofs ilu. Illum dan il-fond qieghed mikri ghand haddiehor li ressaqt jien stess lil sid il-kera. Il-fond 12, Atocja Street, Hamrun, nghid illi dan huwa

proprjeta` tieghi; kien mikri ghand in-nies u harguli." Il-konveut jichad kwalunkwe konnessjoni mal-hanut 'City Bites Crepes' u ma' 'Leon's Bar', filwaqt li jikkonferma 'lli l-fond "[...] Gigi's Snack Bar, Fountain Street, Valletta, [...] huwa mikri lili minghand il-Gvern. Jiena nopera dan l-istabbiliment li huwa ta' madwar 46 jew 48 metri kwadri."

Dwar l-assi tieghu, il-konvenut jispjega 'lli huwa proprjetarju ta' Volkswagen Passat bin-numru ta' registrazzjoni DAN-269.

Huwa jispjega wkoll 'lli apparti t-tfal li twieldu mir-relazzjoni tieghu mal-attrici, huwa ghandu tifla ohra, dak iz-zmien tal-eta' ta' 8 snin.

Il-konvenut ghalaq ix-xhieda teighu billi ezibixxa kopja tal-Income Tax returns tieghu relattivi ghas-snin ta' stima 2008, 2009 u 2010, rispettivament bhala Doks. 'JGX1', 'JGX2', u'JGX3', minn fejn jirrizulta s-segwenti qliegh nett: (a) ghas-sena ta' stima 2008, EUR 18,536; (b) ghas-sena ta' stima 2009, EUR16,717; (c) ghas-sena ta' stima 2010, EUR11,832.

20. Il-konvenut xehed ukoll, in subizzjoni, fis-seduta mizmuma quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Novembru 2012 fejn spjega 'lli xogholu huwa manager gewwa l-istabbiliment 'Chick-King' gewwa Paceville u gewwa l-hanut adjacenti ghall-istess, liema fondi huma, skont il-konvenut, proprjeta' tal-Baruni Testaferrata. Il-konvenut pero' jispjega kif fil-prezent (mill-21 ta' Ottubru 2011) kien jinsab wieqaf mix-xoghol peress illi kien hemm incident ta' xi nirien gewwa wiehed minn dawn l-istabbilimenti. Il-konvenut ma rregistrax ghax-xoghol peress 'lli l-istabilimenti gewwa Paceville kellhom jergghu jinftehu ghan-negozju fi zmien qasir.

Il-konvenut jispjega 'lli l-hanut bl-isem 'Guys Bar' gewwa l-Belt Valletta, li huwa mikri lilu mill-Gvern, u li xehed li kien jiggestixxi, kienu ilu xi sena u nofs mikri lilu, pero' maghluq ghan-negozju peress illi l-istess konvenut kien qieghed iwettaq personalment xi xogholijiet ta' refurbishment gewwa fih.

Il-konvenut jispjega wkoll 'lli l-immobbli gewwa l-Ibragg huwa proprjeta' tieghu u li fuq dan l-immobbli hemm passiv mal-bank ta' madwar EUR225,000, liema passiv jithallas ratealment.

Dwar l-immobbli 77, Flat 1, Triq Santa Lucia, Valletta, il-konvenut jispjega 'lli dan l-immobbli huwa proprjeta' ta' huh Jesmond; hu (il-konvenut) jispjega 'lli jghix gewwa dan il-fond minhabba li jinsab gewwa l-Belt Valletta. Il-konvenut itenni 'lli ma ghandu ebda konnessjoni mal-fond 8, St. Michael's Street, Valletta, mal-istabbilimenti 'City Bite Crepes' u ma' stabbiliment iehor gewwa Triq il-Merkanti Valletta. Il-fond 12, Triq Antocia, Hamrun huwa proprjeta' tieghu; gieli jikri dan il-fond lil terzi, "[...] skond x'ikun hemm bzonn." Il-konvenut jikkonferma 'li l-ahhar li kera dan il-fond talab u rcieva hlas ta' EUR140 fix-xahar.

Il-konvenut jispjega wkoll 'lli xi 3 snin ilu kien jahdem gewwa l-istabbilimenti 'JJ Snack Bar' gewwa l-Belt Valletta "[...] bhala garage bis-self drive qabel fiz-zmien u mbaghad

ftahtu bhala bar ghal rasi." Dan il-fond, il-konvenut kien jikrih minghand il-Gvern versu l-kera ta' madwar LM360 (EUR838.57) fis-sena. Ma tantx dam f'dan in-negozju "[...] ghax ma kienx hemm xoghol ghalih."

21. Il-konvenut xehed ukoll, in kontro-ezami, fis-seduta peritali numru 20 (9 ta' Frar 2012) fejn spjega 'lli l-formoli tal-Income Tax li pprezenta f'din il-kawza, jimlihomlu l-accountant; "Jien lill-accountant naghtih kollox umbaghad jiehu hsieb hu."

Huwa spjega kif illum xogholu huwa dak ta' full-time manager gewwa 'Chick King', Dragonara Road, Paceville. F'dan l-impjieg jimpjegah certu Philip Mifsud ta' Highlander Holdings Limited; il-konvenut jispjega 'lli ilu impjegat ma' Highlander Holdings Limited, sa fejn jiftakar, mill-2008.

Il-konvenut jispjega wkoll illi l-kera tal-hanut 'Chick King' gewwa Paceville ma ssejjahx lilu izda lil Highlander Holdings Limited; "[...] u qieghed nghid dan ghaliex l-ircevuta tohrog fuq din il-kumpannija." F'din il-kumpannija, il-konvenut ma ghandux ishma. "Mistoqsi allura 'l ghaliex din il-kera hija mnizzla fil-Profit & Loss account tas-sena li tintemm 31.12.2008, nghid li dik l-entry m'hijiex ta' dan il-hanut ta' Paceville izda hija taz-zewgt ihwienet li ghandi mikrija minghand il-Gvern."

Il-konvenut ikompli jispjega 'lli ghandu b'kera mingahnd il-Gvern zewgt ihwienet ohra u meta ma jkunx xoghol ic-'Chick King', jiftahom ghan-negozju; "[...] gieli wkoll insib lil xi hadd joqoghdli fihom." Il-'Guys Bar' huwa wiehed minn dawn iz-zewgt ihwienet pero' il-konvenut jghid li ma tantx jifthu ghax ma tantx hemm xoghol ghalih.

Il-konvenut jikkonferma 'lli d-dar li ghandu gewwa l-Hamrun ilha xi sentejn vojta, u qieghda ghall-bejgh ghax ma jistax ilahhaq mal-pagamenti tas-self. Huwa ma jiftakarx jekk fl-2008 din id-dar kenitx mikrija.

<u>PROVI OHRA</u>

22. Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2006, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dott. Kenneth Gulia LL.D., fuq talba tal-attrici, xehed is-Surgent Mario Montesin li pprezenta 4 rapporti (Doks. 'MM1' sa 'MM4') ricevuti mill-Pulizija Ezekuttiva fis-sena 2004, maghmula mill-attrici fil-konfront tal-konvenut.

23. Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2006, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dott. Kenneth Gulia LL.D., fuq talba tal-attrici, xehdu:

(a) A Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc li pprezentat Dok. 'AG1', kont kurrenti f'isem il-konvenut bin-numru 08904588401 b'bilanc, fl-10 ta' Mejju 2006, ta'

LM1.00 (EUR2.33) u Dok. 'AG2', kont savings ukoll f'isem il-konvenut bin-numru 089045884050 b'bilanc, fl-10 ta' Mejju 2006, ta' LM2,029.40 (EUR4,727.23);

(a) Joseph Borg Cardona in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezenta Dok. 'JBC1', kont kurrenti f'isem il-konvenut ("[...] Account Business [...]") bin-numru 186-0646101-9 b'bilanc, fit-22 ta' Marzu 2006, ta' LM5,733.52 (EUR13,355.51), Dok. 'JBC2', kont savings f'isem il-konvenut bin-numru 186-0646102-2 b'bilanc, fil-11 ta' Jannar 2006, ta' LM2.01 (EUR4.68); Dok. 'JBC3', kont Young Savers f'isem il-konvenut ("[...] Account Latoya [...]") bin-numru 40011847063 b'bilanc, fit-22 ta' Dicembru 2005, ta' LM114.25 (EUR266.13); Dok. 'JBC4', self f'isem il-konvenut ("[...] House Loan [...]") bin-numru 4001223536-0 bi zbilanc, fit-28 ta' Dicembru 2005, ta' LM15,129.29 (EUR35,241.77); Dok. 'JBC5', self f'isem il-konvenut ("[...] House Loan [...]") bin-numru 4001223539-9 bi zbilanc, fit-28 ta' Dicembru 2005, ta' LM3,391.42 (EUR7,899.88); Dok. 'JBC6', self f'isem il-konvenut ("[...] House Loan [...]") bin-numru 4001261247-5 bi zbilanc, fit-28 ta' Dicembru 2005, ta' LM7,627.82 (EUR17,768.04); Dok. 'JBC7', kont savings f'isem il-konvenut bin-numru 40013687292 b'bilanc, fil-8 ta' Mejju 2006, ta' LM2,682 (EUR6,247.38); Dok. 'JBC8', self f'isem il-konvenut ("[...] Business Loan [...]") bin-numru 40014306873 bi zbilanc, fit-28 ta' Dicembru 2005, ta' LM7,225.75 (EUR16,831.47); Dok. 'JBC9', kont Euro Account Fc Resident f'isem il-konvenut ("[...] FC Resident ifisser li huwa Foreign Currency Account in Euros [...]") bin-numru 40014730915 b'bilanc, fil-31 ta' Dicembru 2005, ta' EUR2,101.46; Dok. 'JBC10', kont kurrenti f'isem il-konvenut bin-numru 186-0667901-8 li nghalaq fis-6 ta' Marzu 2001 b'bilanc ta' LM955.78 (EUR2,226.37).

24. Fis-seduta peritali numru 9, tas-17 ta' Frar 2011, fuq talba tal-attrici, xehdu:

(a) Katrina Buhagiar in rapprezentanza tal-Banif Bank plc li pprezentat Dok. 'KB1', kont kurrenti f'isem il-konvenut bin-numru 2808810001 b'bilanc, fit-13 ta' Frar 2011, ta' EUR4,600.18, Dok. 'KB2', self f'isem il-konvenut ("[...] statement equity release [...]") bin-numru 2808871001 bi zbilanc, fit-13 ta' Frar 2011, ta' EUR126,463.21; ix-xhud tispjega kif dan is-self inghata lill-konvenut sabiex jithallas dejn 'lli huwa kellu ma' bank iehor u sabiex jithallsu xi kredituri. Dok. 'KB3', self f'isem il-konvenut ("[...] statement equity release [...]") bin-numru 2808871002 bi zbilanc, fid-19 ta' Jannar 2011, ta' EUR56,445.99; ix-xhud tispjega kif dan is-self inghata "[...] for property renovation and upgrade." Dok. 'KB4', self f'isem il-konvenut ("[...] statement equity release [...]") bin-numru 2808871003 bi zbilanc, fis-7 ta' Frar 2011, ta' EUR33,897.21; ix-xhud tispjega kif dan is-self inghata "[...] ghal refurbishement ta' stabbiliment kummercjali." Doks. 'KB5A' u 'KB5B', credit card f'isem il-konvenut; ix-xhud tispjega kif din "[...] l-ewwel kienet Visa Classic [...] il-bilanc fuq il-card thallas a saldu fl-20 ta' Lulju 2009. Il-konvenut sussegwentement applika ghal Visa Gold [...] Il-bank jawtorizza l-hrug ta' Visa Gold generalment skont l-introjtu tal-individwu pero` din hija diskrezzjonali."

In kontro-ezami, ix-xhud tikkofnerma. b'riferenza ghal Dok. 'KB1' illi "[...] d-depositu ta' €35,000 datat 7 ta' Settembru 2010 huwa certement drawdown ta' wahda mil-loans li ghadni kemm semmejt. Dwar l-ammonti l-ohra fil-perijodu ndikat (7 ta' Settembru 2010 - 13 ta' Dicembru 2010) lili nghid illi ma nistghax nikkonferma mija fil-mija minn fejn gew dawn id-depoziti."

(b) Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezentat Doks. 'RA1' sa 'RA5' minn fejn jirrizulta 'lli fit-13 ta' Frar 2007, il-konvenut ghalaq is-segwenti

kontijiet f'ismu, lkoll tat-tip "[...] house loan [...]": numru 4001223536-0, numru 4001223539-9, numru 4001261247-5; jirrizulta wkoll illi fit-13 ta' Frar 2007, il-konvenut ghalaq il-kont tat-tip "[...] business loan [...]", numru 40014306873; jirrizulta wkoll illi fis-16 ta' Awwissu 2008, il-konvenut ghalaq il-kont numru 40014730915 tat-tip "[...] savings in foreign currency, specifikatament € [...]"

Ix-xhud ipprezenta wkoll Dok. 'RA6', kont kurrenti f'isem il-konvenut, a/c business, bin-numru 186-0646101-9 bi zbilanc, fil-5 ta' Jannar 2011, ta' EUR67.90; Dok. 'RA7', kont savings f'isem il-konvenut bin-numru 186-06461022 b'bilanc, fl-10 ta' Jannar 2011, ta' EUR1.29; Dok. 'RA8', kont Young Savers f'isem il-konvenut, a/c Latoya, bin-numru 40011847063 b'bilanc, fl-24 ta' Dicembru 2010, ta' EUR12.44; Dok. 'RA9', kont savings f'isem il-konvenut bin-numru 40013687292 b'bilanc, fl-10 ta' Jannar 2011, ta' EUR0.34; Dok. 'RA10', kont savings ("[...] in foreign currency, specifikatament USD [...]") f'isem il-konvenut bin-numru 40016566776 b'bilanc, fil-31 ta' Dicembru 2010, ta' EUR0.00.

25. Fis-seduta peritali numru 10, tal-10 ta' Marzu 2011, fuq talba tal-attrici, xehdet A Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc li pprezentat Dok. 'AG1', kont savings f'isem il-konvenut bin-numru 044047967050 b'bilanc, fid-19 ta' Jannar 2011, ta' EUR0.00; Dok. 'AG2', self f'isem il-konvenut, ordinary loan, bin-numru 044047967300 bi zbilanc, fl-14 ta' Frar 2011, ta' EUR1,423.87; Dok. 'AG3', kont kurrenti f'isem il-konvenut bin-numru 089045884001 b'bilanc, fid-19 ta' Novembru 2010, ta' EUR11.65; Dok. 'AG4', kont savings f'isem il-konvenut bin-numru 089045884001 b'bilanc, fid-29 ta' Dicembru 2006, ta' EUR0.00.

Ix-xhud ipprezentat ukoll Doks. 'AG5' u 'AG6', relattivi ghal "[...] visa gold card numru 4035710035670996 [...]" u "[...] visa card numru 4568821039811364 [...]" rispettivament. Ix-xhud, b'riferenza ghal dawn id-dokumenti, tispjega kif "[...] ma nafx fuq liema kriterji l-bank jawtorizza l-hrug ta' gold card."

Ix-xhud ipprezentat ukoll Doks. 'AG7' u 'AG8', relattivi ghal self f'isem il-konvenut, li nghalaq fl-20 ta' Ottubru 2009. Ix-xhud, b'riferenza ghal dawn id-dokumenti, tispjega wkoll kif "[...] il-pagamenti rateali ta' dawn il-loans kienu jingibdu mill-kont bin-numru 089045884001; dan kif jirriizultali mill-istess dokumenti. Biex dawn iz-zewg kontijiet inghalqu bilfors illi thallsu l-bilanci tal-istess. [...] In kontro-ezami nispjega 'lli dwar Doks. 'AG7' u 'AG8' ma nistax nghid dawn il-loans gewx saldati b'pagament minn xi bank iehor."

26. Fis-seduta peritali numru 14, tat-28 ta' Gunju 2011, fuq talba attrici u skont id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 17 ta' Mejju 2011, xehed Marvin Mckay. Dan ix-xhud ikkonferma li ilu jaf lill-konvenut ghal dawn l-ahhar snin; huma kienu hbieb kbar. Ix-xhud jirrelata dwar okkazjonijiet fil-passat fejn il-konvenut silfu ammonti ta' flus. Fil-bidu, u cioe' madwar 6 jew 7 snin qabel din id-depozizzjoni, dawn kienu ammonti "[...] ta' LM2,000 u LM2,500 bhala self lili u jien kont inhallsu lura." Ix-xhud isemmi "[...] madwar erba' okkazjonijiet fejn silifni dawn l-ammonti." Ix-xhud jispjega kif meta l-hbiberija tieghu mal-konvenut kibret, hu (ix-xhud) kien safa' fi problema ta' uzura u talab lill-konvenut jisilfu LM10,000. Ghal dan is-self, ix-xhud ghamel tajjeb bid-dar tieghu fl-Ibragg u jispjega kif il-konvenut kien talbu LM20,000 ta' dan is-self; skont ix-

xhud, il-konvenut qallu "[...] li ta' dan il-pjacir kull ma ried minghandi huwa li jidher hatnu minfloku sabiex ma jidhirx hu peress illi qieghed f'kaz ta' manteniment mal-attrici. Hatnu jismu James Hatherly. Dwar dan li qieghed nghid ghamilt kawza, irbahta fl-ewwel istanza u issa qieghda fl-appell (Dok. 'MM') Lill-konvenut jien hallastu lura LM20,000; wara ergajt tlabtu self ta' LM10,000 ohra u kien qalli li jista' jaghtini biss LM7,500 bhala self bil-patt u l-kundizzjoni li jien inhallas lura LM20,000. Minn dawn l-ahhar LM20,000 jien hallast biss LM10,000 u waqaft."

Ix-xhud jghid ukoll illi kien hemm istanzi ohra fejn il-konvenut silef flus lil terzi fosthom lil missier ix-xhud: "Lil missieri silfu LM55,000 fuq dar ta' LM120,000 bhala garanzija. Din id-dar illum qieghda ghand il-konvenut 'l ghaliex ezercita l-jedd tieghu tal-garanzija. Din id-dar hija 'Lucky House', Triq il-Kwartata, Ibragg. Jien rajt lill-konvenut jghaddi din is-somma ta' LM55,000 lil missieri f'istanzi separati peress illi ma ghaddihomlux kollha f'daqqa. Fuq dan is-self saret skrittura quddiem in-Nuttar Spiteri Maempel fejn l-ammont tas-self deher bhala LM120,000 minflok l-ammont ta' self miftiehem ta' LM87,000. Minkejja dan, il-konvenut silef lil missieri LM55,000. Is-sommom dehru differenti sabiex ikopru l-imghaxijiet." Ix-xhud jispjega kif sabiex il-proprjeta' msemmija daret fuq isem il-konvenut, dan ssalda d-dejn li missier ix-xhud kelu mal-Bank of Valletta plc fis-somma ta' LM6,000.

27. Fis-seduta peritali numru 15, tal-28 ta' Gunju 2011, rega' xehed, din id-darba in kontro-ezami, Marvin Mckay fejn spjega, b'riferenza ghal Dok. 'MM' illi "[...] jien fittixt bil-Qorti lil James Hatherly 'l ghaliex hu kien gie jiffirma ghand in-Nutar u deher ghall-konvenut. Ma naqbilx li l-flus f'idejja tahomli Hatherly; il-flus taghhom il-konvenut lill-ex-mara tieghi fil-prezenza tieghi. Dwar is-self lil missieri ta' LM55,000 nghid illi mhux minnu li kien ser isir negozju bejni u bejn il-konvenut u dawn il-flus harighom bhala sehemu minn dan in-negozju. Il-konvenut silef dawn il-flus lili tramite missieri biex nohrog minn problema ta' uzura. [...] Nghid illi l-LM55,000 kont ser naghmel tajjeb ghalihom bil-hanut pero` ma stajtx naghmel dan peress illi l-fond fejn jinsab il-hanut huwa proprjeta` tal-Gvern, mikri lil missieri. Ghalhekk ghamilt tajjeb bid-dar tas-Swieqi."

Ix-xhud jikkonferma 'lli kien hemm zmien fejn hu u l-konvenut kienu qieghdin jitkellmu biex il-konvenut jidhol shab mieghu fil-hanut tax-xhud bl-isem 'AL Mare'.

Ix-xhud jikkonferma wkoll 'lli lill-attrici ilu jafha mindu kienu tfal peress illi hi gara tal-hanut tieghu. Huwa jichad kwalunkwe konnessjoni ohra bejniethom u jispjega 'lli l-attrici kienet taf b'dal li kien hemm bejnu u bejn il-konvenut "[...] 'l ghaliex qaltli bihom A, cioe` wara li xehedt fil-kawza kontra Hatherly avvicinatni hi stess biex tikkonferma dak li kont xehedt."

<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-PERIT LEGALI (APREZZAMENT TAL-PROVI U GIURISPRUDENZA)</u>

28. Kura u kustodja: permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qieghda titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tafda l-kura u kustodja tal-minuri C D, Latoya D u Mikea D esklussivament f'idejn l-attrici. Il-konvenut jaqbel ma' din it-talba tal-attrici, purche' huwa jkollu access liberu ghall-istess ulied.

Dan stabbilit, l-istanti jirrileva illi hemm qbil bejn il-partijiet 'lli l-kura u kustodja tat-tfal minorenni taghhom tigi fdata f'idejn l-attrici. , u cioe' f'idejn il-genitur li mieghu l-ulied dejjem ghexu sa minn tmiem tar-relazzjoni tal-kontendenti.

In materia, is-sottofirmat jixtieq jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna (27 ta' Novembru 2003, Citaz. nru, 1715/2001/1) fejn il-Qorti ghamelt riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli fejn gie ritentut illi il-kura tat-tfal komuni ghandha tkun regolata "[...] mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal [...]"

Jinghad ukoll f'din is-sentenza 'lli "[...] il-principju dominanti 'in subiecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din in konsiderazzjoni f'din il-kawza, huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u fattwali li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."

L-istanti ma jhossx 'lli ghandu jiddipartixxi minn dak 'lli dwaru hemm ftehim bejn il-kontendenti, partikolarment peress illi jinhass illi jkun fl-interess suprem tal-minorenni 'lli l-kura u kustodja taghhom tigi affidata f'idejn l-omm. Minghajr ebda riflessjoni fuq il-karattri u l-imgieba tal-kontendenti quddiem l-istanti, jinghad illi l-esperjenza tal-ahhar snin tal-attrici f'dan ir-rispett certament taghmilha aktar adatta u idoneja sabiex tikkura lill-uliedha.

Sfortunatament, jew fortunatament ghalihom, a differenza ta' din l-Onorabbli Qorti (illum pero' diversement presjeduta) l-istanti ma kellux l-opportunita' li jkellem ma' ebda mill-istess minorenni u jittanta jevalwa x'ihossu l-istess.

31. Manteniment: permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qieghda titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-konvenut ihallas retta alimentari xierqa ghat-3 ulied tal-kontendenti C D, Latoya D u Mikea D. Il-konvenut jaqbel anke ma' din it-talba tal-attrici, purche' jittiehed qies tac-cirkostanzi u d-dhul tieghu. Fl-istess waqt, il-konvenut isostni 'lli l-attrici ghandha hija ukoll il-mezzi u l-kapacita' li tmanti lill-ulied.

Ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kaitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta: "Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B." L-Artikolu 3B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta itenni 'lli: "(1) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied. (2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu

jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied: (a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena [...]"

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta: "(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni. (2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."

Illi ghalhekk abbazi tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi succitati, il-genituri ghandhom l-istess obbligi versu l-ulied taghhom; dan l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' dettat skont il-mezzi taghhom, ikkalkulati fit-termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta: "(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih. (2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa. (3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall- manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust. (4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent. (5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."

Fl-umili fehma tal-istanti, dak li huwa rilevanti ghal din il-kawza huma l-mezzi tal-partijiet flimkien mal-bzonnijiet ta' ulied il-kontendenti sabiex b'hekk jigi stabbilit il-quantum tar-retta alimentari f'dan il-kaz dovuta mill-konvenut, kkalkulat skont is-sub-artikoli tal-Artikolu 20 surriferit.

L-istanti hawnhekk ser jaghmel riferenza ghal xi principji regolaturi identifikati tul is-snin mill-Qrati taghna. Inghad mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-sentenza <u>Lea Tabone f'isimha proprio u bhala kuratrici ta' bintha minuri Yanika v. Jesmond Tabone</u> (2 ta' Ottubru, 2003, Citaz. nru, 1396/2001/1): "Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl- ismijiet "Marthese Vella pro et noe vs George Vella" deciza fit-28 ta' Frar, 2003 fejn inghad illi "l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu". [...] Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar dan l-obbligu ta' manteniment lil minuri qalet "Illi dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut" (Ara "Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja" - Cit. Nru 154/94)."

Kif diga' nghad, permezz ta' digriet datat 3 ta' Ottubru 2006 (fol. 254), din l-Onorabbli Qorti, wara 'lli rat il-prospett guramentat tal-konvenut pprezentat fuq ordni taghha (digriet tal-11 ta' Lulju 2006, fol. 248), fuq talba tal-attrici, ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mesnili ta' LM200 (EUR465.88) ghat-tlett minorenni.

In propozitu, l-istanti ma jistax ma jinnutax iz-zmien kollu 'lli l-kontendneti hallew lilhom infushom jingarru mill-pika ta' bejniethom fejn f'diversi cirkostanzi ppretendew li jpattu in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment man-nuqqas ta' drittijiet ta' access.

L-istanti qabel ma jghaddi ghal xi kunsiderazzjonijiet dwar din it-talba attrici jhoss illi jkun ghaqli li jaghmel riferenza ghas-segwenti principji regolaturi dwar l-apprezzament tal-provi, fuq liema huwa ser jibbazza r-rakkomandazzjonijiet teighu in materia: fis-sentenza taghha, l-Qorti Civili'Prim'Awla fl-ismijiet George Bugeja v. Joseph Meilak (30 ta' Ottubru 2003, Citaz. nru. 462/2002/1) "Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' w specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic- certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. [...] Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta w ikollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."

Fis-sentenza fl-ismijiet Enrico Camilleri v. Martin Borg deciza mill-Qorti ta' l-Appell (17 ta' Marzu 2003, Appell nru. 478/2000/1) inghad li "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo". Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur."

Dwar il-piz tal-prova jinghad, b'referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet Nancy Caruana v. Odette Camilleri (13 ta' Frar 2001, u 27 ta' Frar 2004, Citaz. nru. 413/1996/1) jinghad illi: "Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal- 'balance of probabilities'."

Dwar din il-kwistjoni, l-istanti jissotolinea 'lli ulied il-kontendenti huma lkoll minorenni u ma ngiebitx quddiemu, jew quddiem din l-Onorabbli Qorti, xi prova dwar l-introjtu tal-attrici. Min naha l-ohra, il-provi 'lli tressqu mill-attrici dwar l-introjtu tal-konvenut xejn, ma jistax jinghad 'lli huma facilment interprtabbli. Jidher mill-istess provi 'lli l-konvenut

huwa mghobbi b'passiv konsiderevoli. Ma jirrizultax 'lli l-istess ghandu depoziti bankarji notevoli. Tigi allura wahedha l-mistoqsija: minn fejn jithallas il-passiv tal-konvenut? Harsa lejn id-dokumentazzjoni pprezentata minn dan tal-ahhar turi 'lli l-qliegh nett tieghu: (a) ghas-sena ta' stima 2008, kien ta' EUR 18,536; (b) ghas-sena ta' stima 2009, kien ta' EUR16,717; (c) ghas-sena ta' stima 2010, kien ta' EUR11,832. Min-naha l-konvenut jaghti l-impressjoni 'lli ftit jiddisponi minn mezzi; min-naha l-ohra jqumu diversi dubji u kweziti dwar il-veru sors tal-introjtu ta' dan tal-ahhar. Li hu cert hu 'lli mill-provi prodotti miz-zewg partijiet huwa mpossibbli 'lli wiehed jasal ghal figura ezatta ta' kemm f'introjtu annwali jew mensili, jippercepixxi l-konvenut; dan sakemm wiehed ma jattjenix ghall-figuri surriferiti.

Id-diversi depozizzjonijiet moghtija mill-konvenut, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami xejn, fl-umili parir tal-istanti ma huma konsistenti u wisq anqas verosimili. L-istanti huwa filfatt konvint 'lli l-introjtu tal-konvenut ma huwiex limitat ghal dak li ttraspira f'dawn il-proceduri; tali konkluzjoni l-istanti jasal ghaliha minn apprezzament tal-provi sintetizzati f'din ir-relazzjoni u l-inferenzi li johorgu mill-istess, fuq il-preponderanza ta' liema, l-istanti jhossu moralment konvint minn din l-osservazzjoni tieghu.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-istanti jhoss illi l-manteniment attwali degretat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jizdied, b'dan li l-konvenut ghandu, rebus sic stantibus, jigi obbligat ihallas lill-attrici, ghall-htigijiet ta' uliedhom minorenni r-retta alimentari ta' EUR700, u cioe' EUR233.34 ghal kull wild, liema retta alimentari ghandha tkun imhallsa kull xahar bil-quddiem fit-termini illum mposti mill-Artikolu 3B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta' Malta. Dan l-ammont ghandu jizdied kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja b'effett mid-data tal-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Komprizi f'din is-somma ghandu jkun hemm sehem il-konvenut mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni relattivi ghal ulied il-partijiet.

Is-somma likwidata mill-istanti tiehu qies mhux biss tal-principji kollha elenkati hawn aktar 'l fuq izda wkoll tal-fatt 'lli l-konvenut ghandu wild iehor li ghalih jikkontribwixxi.

32. <u>Access</u>: permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qieghda titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa access li ghandu jkollu l-konvenut ghal uliedu C D, Latoya D u Mikea D, b'dan l-access ikun wiehed supervizjonat. Il-konvenut ma jaqbilx 'lli tali access ghandu jkun hekk supervizjonat u jeccepixxi 'lli huwa ghandu jkollu hin adegwat ta' access liberu ghall-uliedu.

L-istanti jinnota 'lli llum, ulied il kontendenti ghandhom is-segwenti eta' C Jr. 14-il sena, Latoya 11-il sena u Mikea 8 snin. Dwar din il-materja, din l-Onorabbli Qorti taghat diversi digrieti, bl-ahhar wiehed ikun dak tal-11 ta' Jannar 2012 fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat 'lli l-access tal-konveut ghandu jinzamm kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha mill-05.00 p.m. sas-07.00 p.m.; u fil-weekend b'mod alternat mis-Sibt/Hadd mid-09.30 a.m. san-12.30 p.m.

L-istanti ma jistax ma jinnuttax dak rappurtat tul dawn il-proceduri mill-esponenti tal-Agenzija Appogg, mill-haddiema socjali Adreana Sammut u Therese Micallef, u cioe' 'lli l-access tal-konvenut ghal uliedu ma jinnecessita' ebda supervizjoni. L-istanti ma

jhossx 'lli ghandu quddiemu prova tali 'lli ggieghlu jiddipartixxi mill-konkluzjonijiet ta' dawn l-esperti.

L-istanti jhoss, illi fic-cirkustanzi, u tenut kont tal-eta' tal-minorenni, l-access tal-konvenut ghandu jkun wiehed liberu li dejjem jiehu qies tal-interessi tat-tfal u tal-impenji taghhom. Tali access ghandu jigi ezercitat bi preavviz ta' mill-anqas 24 siegha. u ghandu jigi prattikat mill-konvenut b'qies dejjem, ghal-benessere morali ta' uliedu. Jinhass 'lli jkun siewi 'lli l-konvenut jezercita d-drittijiet ta' access tieghu b'tali mod 'lli l-ahwa D ikunu flimkien tul dawk il-hinijiet 'lli huma jqattghu ma' missierhom.

Fin-nuqqas 'lli ma jkunx possibbli ghall-partijiet li l-access jigi ezercitat kif fuq spjegat, l-istess access ghandu jinzamm tlett darbiet fil-gimgha, jumejn matul il-gimgha (It-Tlieta u l-Hamis) u gurnata alternanti fi tmiem il-gimgha (is-Sibt/il-Hadd), ghal saghtejn kull gurnata li taqa' fost il-gimgha, mill-05.00 p.m. sas-07.00 p.m. u ghal erbgha sieghat ghall-jum li jaqa' fi tmiem il-gimgha, mid-09.30 a.m. sas-01.30 p.m. Tali access ghandu wkoll jigi ezercitat bi preavviz ta' mill-anqas 24 siegha u ghandu jigi prattikat mill-konvenut b'qies dejjem, tal-benessere morali ta' uliedu.

KONKLUZJONIJIET TAL-PERIT LEGALI

39. Ghaldaqstant, l-istanti huwa tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha:

1. tilqa' l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri C D, Latoya D u Mikea D esklussivament f'idejn l-istess attrici.

2. tilqa' it-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut, rebus sic stantibus, ihallas ghal fuq imsemmija m b'effett mid-data tal-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Komprizi f'din is-somma ghandu jkun hemm sehem il-konvenut mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni relattivi ghal ulied il-partijiet.

3. tichad it-tielet talba attrici u konsegwentement takkolji t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut ghall-benessere morali ta' uliedu. Tali access ghandu jigi ezercitat bi preavviz ta' mill-anqas 24 siegha.

F'kaz 'lli tali modalita ta' access ma tkunx prattikabbli, il-konvenut ghandu jkollu access ghal u u ghal erbgha sieghat ghall-jum li jaqa' fi tmiem il-gimgha, mid-09.30 a.m. san-01.30 p.m. Tali access ghandu wkoll jigi ezercitat bi preavviz ta' mill-anqas 24 siegha u ghandu jigi prattikat mill-konvenut b'qies dejjem, ghall-benessere morali ta' uliedu.

L-istanti umilment jissuggerixxi 'lli din l-Onorabbli Qorti tirrakkomanda 'lli sa fejn hu possibbli l-konvenut jezercita d-drittijiet ta' access tieghu b'tali mod 'lli l-ahwa D ikunu flimkie

4. l-ispejjez tal-proceduri orjerni jigu supportati kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attrici."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

Il-Qorti ezaminat in-noti ta’ osservazzjonijiet / ta’ kritika skambjati mill-partijiet u jirrizulta li l-unika pendenza li llum hemm bejn il-partijiet tirrigwarda l-*quantum* tal-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghaz-zewg minuri li ghadhom jirrisjedu maghha. Ma jirrizultax li l-konvenut qed jippretendi manteniment minghand l-attrici rigward it-tifel li dan l-ahhar telaq minghand ommu u mar jghix ma’ missieru.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jikkritika l-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali rigwardanti l-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-minuri. Jissottometti illi m’ghandux ikun li ghaliex ma giex emnut dwar kemm jaqla’ mill-hidma tieghu allura tigi stabbilita’ somma ta’ manteniment ‘arbitrio boni viri’.

Il-Qorti ezaminat il-provi li ressaq il-konvenut rigward il-hidma tieghu u bhal Perit Legali tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut ma qalx il-verita’ dwar kemm jammonta id-dhul tieghu mill-hidma lavorativa tieghu.

Il-konvenut xhed illi huwa u huh jiggestixxu negozju bl-isem ‘The Guys’ gewwa l-Belt Valletta kif ukoll Gigi’s Snack Bar, ukoll fil-Belt Valletta.

Il-konvenut ghandu tifla ohra minn relazzjoni ohra li wkoll ihallas il-manteniment taghha.

Skond l-inkartament ezebit mill-konvenut, id-dhul tieghu fis-sena 2010 kien ta’ €11,832.00

Fix-xhieda tieghu moghtija fid-9 ta’ Frar 2012 quddiem il-Perit Legali u fil-11 ta’ Novembru 2012 quddiem din il-Qorti il-konvenut jghid illi llum il-gurnata huwa ‘full-time manager’ gewwa hanut bl-isem ‘Chick King’ f’Paceville u li ilu hekk impjegat sa mis-sena 2008. Jghid ukoll li minghand il-Gvern jikri zewg hwienet wiehed minnhom bl-isem ‘Guys Bar’. Il-konvenut isostni li dan il-hanut ma tantx jifthu ghaliex skond hu ma tantx hemm xoghol. Fl-atti jirrizulta li fi profit and loss account li pprepara l-konvenut ghall-finijiet tad-denunzja tad-dhul taxxabbli hemm indikat il-kirjiet taz-zewgt ihwienet.

Mill-kumpless tal-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ma jiddikjarax id-dhul kollu tieghu specjalment mill-hwienet li huwa jiggestixxi gewwa l-Belt Valletta.

L-attrici irnexxiela tipprova li l-konvenut ghandu dhul ferm akbar minn dak li huwa xhed dwaru. Ghalkemm il-konvenut jilmenta li l-ammont ta' manteniment stabbilit mill-Perit Legali huwa eccessiv meta komparat mad-dhul tieghu, fil-fehma tal-Qorti l-ammont stabbilit mill-Perit Legali huwa altru milli ragjonevoli.

Naturalment peress li llum il-gurnata it-tifel tal-partijiet qed jirrisjedi mal-konvenut u mhux aktar mal-attrici, isegwi illi l-ebda manteniment ma hu dovut jigi mhallas lill-attrici fir-rigward ta' dan il-minuri. Ghalhekk il-manteniment hawn ordnat ser ikun b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, data vicina dik li fiha it-tifel minuri mar jghix ma' missieru.

Peress li l-attrici m'ghandiex dhul adegwat u peress ukoll li kif jirrizulta min-nota pprezentata mill-konvenut fit-3 ta' Ottubru 2014 jirrizulta li l-minuri C huwa llum impjegat 'part-time' ma' missieru, l-attrici ma hiex ser tigi kkundannata thallas manteniment ghat-tifel.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' parzjalment t-talbiet attrici u tichad il-kumplament bil-mod segwenti:

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Latoya D u Mikea D esklussivament f'idejn l-attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri C D esklussivament f'idejn il-konvenut.

2. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, rapprezentanti manteniment ghall-minuri Latoya u Mikea D u cioe' €250 fix-xahar ghal kull minuri, li ghandu jithallas kull l-ewwel jum tax-xahar bil-quddiem u jizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond l-indici tal-gholi tal-hajja. F'dan l-ammont ta' manteniment hawn stabbilit hemm kompriz il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni taz-zewg minuri.

3. Tiddikjara li l-attrici m'ghandiex thallas lill-konvenut manteniment ghat-tifel C D.

4. Tordna li l-konvenut ghandu jkollu access ghaz-zewg uliedu Latoya u Mikea nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m. u gimgha s-Sibt u gimgha l-Hadd b'mod alternat mid-9.30 a.m. sas-1.30 p.m. Il-partijiet qed jinghataw id-dritt li jvarjaw din il-modalita' basta li tali tibdil

ikun konfermat minn korrispondenza li tigi skambjata bejn l-Avukati tal-partijiet. Dwar il-minuri C D, anke minhabba l-eta' tieghu, il-Qorti qed takkorda lill-attrici access liberu li ghandu jigi ezercitat wara li jinghata pre-avviz ta' 48 siegha u dejjem b'konsultazzjoni u ftehim mal-istess minuri.

5. Il-partijiet ghandhom jassiguraw illi waqt il-hin tal-access il-benessere tal-minuri ghandhom jigu salvagwardjati b'mod specjali m'ghandhomx jittiehdu f'postijiet li ma humiex adattati ghall-minuri.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz mill-attrici u in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------